PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2006/0135(CNS)

11.9.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2201/2003 fir-rigward ta' ġurisidizzjoni u l-introduzzjoni ta' regoli dwar liġi applikabbli fi kwistjonijiet matrimonjali
(COM(2006)0399) – C6-0305/2006 – 2006/0135(CNS))

Rapporteur għal opinjoni(*) : Carlo Casini

(*) Proċedura ma' kumitati assoċjati - Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni titratta biss id-determinazzjoni tal-ġuriżdizzjoni u tal-liġi applikabbli fil-każ ta' talba għal divorzju jew ta' separazzjoni. Għaldaqstant din ma tkoprix l-annullament taż-żwieġ, u lanqas id-dritt għall-manteniment. Il-proposta tippreżenta ruħha bħala emenda parzjali tar-regolament fis-seħħ 2201/2203, li l-ambitu tiegħu huwa aktar wiesa', għaliex ikopri ukoll ir-raġunijiet li minħabba fihom jista' jiġi annullat żwieġ, ir-responsabilità tal-ġenituri u r-rikonoxximent tas-sentenzi dwar kwistjonijiet matrimonjali f'kuntest tar-relazzjonijiet bejn l-istati.

Il-proposta li qed tiġi eżaminata tirreferi primarjament għall-koppji "internazzjonali", jiġifieri dawk li jkollhom ċittadinanza differenti jew residenza fi Stati differenti. L-innovazzjoni ewlenija li qed jintroduċi r-regolament il-ġdid hija l-fakultà tal-għażla li l-konjuġi għandhom tal-ġuriżdizzjoni li għaliha jistgħu jagħmlu rikors u tal-liġi applikabbli, iżda f'din l-għażla hemm il-limiti. Din tista' sseħħ bejn ġuriżdizzjonijiet u liġijiet li għandhom relazzjoni oġġettiva mar-rapport taż-żwieġ ikkonċernat. Skond din il-proposta, dan il-fattur ta' konnessjoni jikkonsisti essenzjalment fir-residenza. Konsegwentement, jekk iż-żewġ konjuġi għandhom l-istess nazzjonalità u t-tnejn dejjem għexu fl-istat li tiegħu għandhom in-nazzjonalità, huma m'għandhomx id-dritt li jagħżlu;
jistgħu biss jirrikorru għall-qrati tal-Istat fejn joqogħdu, li se japplikaw il-*lex loci*, identika għal-*lex fori*.
B'mod ġenerali l-proposta tidher li hija waħda raġonevoli. Fil-fatt, din taqbel perfettament maċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-persuni, li tirrappreżenta waħda mil-libertajiet fundamentali li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea, b'rispett lejn l-awtonomija tan-naħat li jistgħu għaldaqstant jagħżlu, jekk ikunu jixtiequ, liema qorti u liema liġi għandhom jirregolaw il-proċedura li ttemm ir-rabta taż-żwieġ tagħhom.

Madankollu r-rapporteur iqis li l-proposta kkonċernata trid tkun tkun suġġetta għal xi korrezzjonijiet sabiex tkun aktar effettiva.

Qabel kollox, hemm bżonn li jiġi ppreċiżat li l-għażla tal-partijiet tkun tista' tirrigwarda biss il-ġuriżdizzjoni u l-liġi ta' Stat *Membru* wieħed, u, b'mod aktar ġenerali, fid-dawl tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-proposta kkonċernata ma tistax tobbliga l-awtorità ta' Stat li ma japprovax id-divorzju jew li ma jirrikonoxxix dak it-tip ta' żwieġ sabiex jiddikjara x-xoljiment.

Barra minn hekk, fil-proposta tal-Kummissjoni l-konjuġi jistgħu jagħżlu kwalunkwe waħda mill-ġuriżdizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 3 tar-Regolament 2201/2003. F'dan il-każ isir inutli l-kriterju aktar restrittiv imsemmi fl-artikolu 3 a (b). Teknikament, is-soluzzjoni l-aktar sempliċi tkun it-tħassir ta' dak il-punt. Madankollu, mill-proposta jidher li l-orjentament tal-Kummissjoni huwa wieħed li jistabbilixxi rabta mal-liġi tal-forum fil-mument meta tiġi attribwita lill-partijiet is-setgħa li jiddeċiedu awtonomament liema qorti jqabbdu. Jidher li l-punt (b) hekk għandu jinftiehem. Jekk wieħed irid iżomm dan il-punt u jġibu konformi mal-artikolu 3 (billi titwessa' l-awtonomija tal-partijiet), ir-rapporteur jissuġġerixxi li jiġi rriformulat l-artikolu 3(a) kollu. Naturalment, jibqa' validu u applikabbli l-artikolu 3 f'każ li ma tkunx ġiet eżerċitata l-fakultà tal-għażla tal-ġuriżdizzjoni kompetenti.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Emenda 1 ARTIKOLU 1, PUNT 2 Artikolu 3 a, paragrafu 1 (Regolament (KE) Nru. 2201/2003)	
1. Il-konjuġi jistgħu jiftehmu li qorti jew il-qrati ta' Stat Membru ***għandu jkollhom*** ġuriżdizzjoni fi proċediment bejniethom relatat ma' divorzju jew separazzjoni legali ġaladarba ***jkollhom rabtiet sostanzjali ma' dak l-Istat Membru*** bis-saħħa tal-fatt li :	1. Il-konjuġi jistgħu jiftehmu li l-qrati ta' Stat Membru ***għandhom*** ġuriżdizzjoni fi proċediment bejniethom relatat ma' divorzju jew separazzjoni legali ġaladarba ***jkun hemm konnessjoni sostanzjali bejn ir-rapport ta' żwieġ tagħhom u l-Istat Membru magħżul*** bis-saħħa tal-fatt li:
(a) ***kull kompetenza mniżżla f' Artikolu 3 japplika,*** jew	(a) ***il-konjuġi kellhom f'dan l-Istat ir-residenza abitwali għal tal-anqas tliet snin konsekuttivi sakemm dan il-perjodu ma ntemmx aktar minn tliet snin qabel ma saret it-talba għad-divorzju jew għas-separazzjoni;*** jew
(b) ***ikun il-post*** tal-aħħar residenza abitwali ***komuni*** tal-konjuġi ***għal mill-inqas tliet snin***, jew	(b) ***dan l-Istat ikun*** l-aħħar residenza abitwali tal-konjuġi ***u l-konvenut għadu jgħix hemm fil-mument tat-talba;*** jew
(c) ***wieħed mil-konjuġi*** huwa/hija ċittadin ta' Stat ***Membru,*** jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, għandu jew għandha "id-domiċilju" ***fit-territorju f'wieħed minn dawn l-aħħar Stati Membri.***	(c) ***f'dan l-Istat il-konjuġi attur għandu r-residenza abitwali u attwali u ilu jgħix hemmhekk għal tal-anqas sitt xhur jekk*** huwa/hija ċittadin ***tal-istess*** Stat ***jew tal-anqas għal sena jekk mhux/mhix ċittadin ta' dak l-Istat*** jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, għandu/għandha ***hemmhekk*** id-"domiċilju", jew ***jew***
	(ca) iż-żwieġ tagħhom kien iċċelebrat f'dak l-Istat Membru.
	Ġustifikazzjoni
	Ir-riformulazzjoni tal-artikolu 3 a tippermetti li jkun hemm ġerarkija aktar fl-ordni tal-kriterji ta' kollegament: residenza fuq tul ta' żmien; residenza anki qasira, sakemm tkun dik tal-aħħar u tkun konġunta mar-residenza attwali tal-konjuġi attur; ir-residenza attwali tal-attur għal xi żmien; il-post fejn kien iċċelebrat iż-żwieġ. B'dan il-mod tiġi evitata kull

kontraddizzjoni fost il-kriterji kkonċernati, kif ukoll dawk tal-artikolu 3 tal-istess regolament, li ser ikompli jipi applikat f'każ li ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet.

Emenda 2
ARTIKOLU 1, PUNT 2
Artikolu 3 a, paragrafu 2 (Regolament (KE) Nru. 2201/2003)

2. Ftehim li jagħti ġuriżdizzjoni ***ser ikun espress bil-miktub u ffirmat miż-żewġ konjuġi sa*** mhux iktar tard minn meta l-qorti tingħata pussess.	2. Ftehim li jagħti ġurisdizzjoni ***jista' jiġi konkluż u modifikat fi kwalunkwe ħin, iżda*** mhux iktar tard minn meta l-qorti tingħata pussess. ***Dan għandu japplika għal kull grad tal-proċediment ġudizzjarju.*** ***Tali ftehim għandu jkun espress bil-miktub, datat u ffirmat miż-żewġ konjuġi. Jekk il-liġi tal-Istat Membru fejn wieħed mill-konjuġi għandu r-residenza abitwali fil-mument li jiġi konkluż il-ftehim, tipprevedi rekwiżiti formali supplimentari, dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati. Jekk il-konjugi għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fi Stati Membri differenti, li l-liġijiet rispettivi tagħhom jipprevedu esiġenzi formali supplimentari, il-ftehima hija valida jekk tissodisfa l-esiġenzi ta' waħda minn dawn il-liġijiet.*** ***Jekk il-ftehima hija parti minn kuntratt ta' żwieġ, l-esiġenzi formali ta' dan il-kuntratt taż-żwieġ għandhom jiġu ssodisfati.***

Ġustifikazzjoni

Tajjeb li jiġu ppreċiżati r-rekwiżiti formali tal-ftehim, li jiġu preċiżati l-effetti u jiġu mħarsa r-regoli ġenerali ta' kompetenza f'każ ta' nuqqas ta' qbil.

Emenda 3
ARTIKOLU 1 , POINT 5 (A) (ġdid)
Artikolu 7 a (ġdid) (Regolament (KE) Nru. 2201/2003)

	5 a) għandu jiddaħħal l-artikolu li ġej:
	"Artikolu 7a
	Forum necessitatis
	Meta l-ġurisdizzjoni kompetenti skond dan ir-Regolament tinsab fi Stat Membru li l-

liġi tiegħu ma tipprevedix id-divorzju jew ma tirrikonoxxix l-eżistenza jew il-validità taż-żwieġ in kwistjoni, il-ġurisdizzjoni tingħata:

a) lill-Istat Membru tan-nazzjonalità ta' wieħed mill-konjugi; jew

b) lill-Istat Membru li fih ġie ċċelebrat iż-żwieġ."

Ġustifikazzjoni

Stat Membru ma jistax jiġi obbligat li jirrikonoxxi bħala żwieġ, anke għal raġunijiet ta' xoljiment biss, att li mhux rikonoxxut bħala tali mil-liġi tal-Istat. Bl-istess mod, mhux konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà li jiġi impost fuq qorti ta' Stat Membru li l-liġi tiegħu ma tipprevedix dan l-istitut, l-obbligu li jagħti d-divorzju.

Min-naħa l-oħra, koppja internazzjonali għandha d-dritt għal dikjarazzjoni ta' divorzju minn tal-anqas qorti tal-Unjoni jekk iż-żwieġ kkonċernat ikollu xi kollegament mat-territorju tal-istess Unjoni; għaldaqstant, fin-nuqqas ta' għażla mill-partijiet, il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru tan-nazzjonalità ta' wieħed miż-żewġ konjuġi jew li fih iż-żwieġ kien iċċelebrat, għandha tapplika awtomatikament.

Emenda 4
ARTIKOLU 1, PUNT 7
Artikolu 20 a, paragrafu 1 (Regolament (KE) nru. 2201/2003)

1. Il-konjuġi jistgħu jiftiehmu sabiex jagħżlu l-liġi applikabbli għal divorzju jew separazzjoni legali. Il-konjuġi jistgħu jiftiehmu sabiex jagħżlu ***waħda mil-liġijiet li gejjin:***	1. Il-konjuġi jistgħu jiftiehmu sabiex jagħżlu l-liġi applikabbli għal divorzju jew separazzjoni legali. Il-konjuġi jistgħu jiftiehmu sabiex jagħżlu ***fost il-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom konnessjoni sostanzali mar-rapport matrimonjali kif stipulat fl-Artikolu 3 a.***
(a) il-liġi tal-Istat tal-aħħar residenza abitwali komuni tal-konjuġi safejn wieħed jew waħda minnhom għadhom jgħixu hemm;	
(b) il-liġi ta' l-Istat tan-nazzjonalità ta' wieħed jew waħda mill-konjuġi, jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, id-"domiċilju" ta' wieħed jew waħda mill-konjuġi;	
(c) il-liġi tal-istat fejn il-konjuġi għexu għal mill-inqas ħames snin;	
(d) il-liġi ta' l-Istat Membru fejn tintefa' l-	

applikazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Il-kriterju hawnhekk issuġġerit huwa aktar wiesa' minn dak tal-proposta tal-Kummissjoni li teskludi l-liġi tar-residenza tal-attur u tal-konvenut biss (anke jekk fi prinċipju din tista' terġa' tkun applikabbli permezz ta' għażla tal-imħallef, b'konformità mal-ittra (d) tal-artikolu 20 a).

Emenda 5
ARTIKOLU 1, PUNT 7
Artikolu 20 a, paragrafu 2 (Regolament (KE) nru. 2201/2003)

2. Ftehim li jindika l-liġi applikabbli ser ikun espress bil-miktub u jkun iffirmat miż-żewġ konjuġi sa mhux iktar tard minn meta l-qorti tingħata l-pussess.	2. ***L-għażla tal-partijiet għandha tkun suġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(a), paragrafu 2***.

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tiżgura li r-rekwiżiti formali li japplikaw għall-konvenzjoni li tistipula l-liġi applikabbli jikkorrispondu għal dawk li japplikaw għall-għażla tal-liġi.

Emenda 6
ARTIKOLU 1, PUNT 7
Artikolu 20 b, parti introduttorja (Regolament (KE) Nru 2201/2003)

Fin-nuqqas ta' għażla skond Artikolu 20a, divorzju ***u*** separazzjoni legali ser ikunu suġġetti għall-liġi tal-Istat:	Fin-nuqqas ta' għażla skond Artikolu 20a, divorzju ***jew*** separazzjoni legali ser ikunu suġġetti għall-liġi tal-Istat ***Membru***:

PROĊEDURA

Titolu	Il-liġi applikabbli fi kwistjonijiet matrimonjali
Referenzi	COM(2006)0399 – C6-0305/2006 – 2006/0135(CNS)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 28.9.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	15.2.2007
Rapporteur ta' opinjoni: Data tal-ħatra	Carlo Casini 2.10.2006
Eżami fil-kumitat	4.10.2007 19.12.2007
Data tal-adozzjoni	9.9.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Carlo Casini, Marek Aleksander Czarnecki, Bert Doorn, Monica Frassoni, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Othmar Karas, Piia-Noora Kauppi, Klaus-Heiner Lehne, Katalin Lévai, Antonio Masip Hidalgo, Hans-Peter Mayer, Manuel Medina Ortega, Aloyzas Sakalas, Francesco Enrico Speroni, Jaroslav Zvěřina, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Sharon Bowles, Vicente Miguel Garcés Ramón, Jean-Paul Gauzès, Georgios Papastamkos, Gabriele Stauner, József Szájer, Jacques Toubon, Ieke van den Burg
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Victor Boştinaru, Renate Weber